# KUNSILL LOKALI KALKARA
# KALKARA LOCAL COUNCIL

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 8.19

Il-Hamis 1 ta' Awwissu 2019

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Wayne Aquilina – Sindku
Vince Bongailas – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chircop- Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

***Ma Kienx hemm***

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Sindku Wayne Aquilina ippresjeda il-laqgħa.

8.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

***Ma kienx hemm***

8.2

**Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Lulju 2019.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sur Wayne Aquilina u sekondati mill-Kunsilliers s-Sinjura Maria Sultana

8.3 A **Komunikazzjoni mis-Sindku : Punti mis-seduta preċedenti ( Seduta 7.19)**

Punt 7.5 (h) Mis-seduta preċedenti )Is-Sur Sindku spjega u kkonferma illi wara laqgħa informali li kellom il-kunsilliera bejnietom aktar kmieni dan ix-xahar intlaħaq ftehim illi l-proposta / applikazzjoni li saret biex jittieħdu siti b'devoluzzjoni biex tiġi 'shifted' il-berġa u l-librerija ħabba raġunijiet varji speċjalment finanzjarji li ilhom jiġu diskussi għal dawn l-aħħar snin, il-kunsill qabel li din il-kwistjoni titpoġġa 'on hold' b'mod temporanju biex b'hekk l-istess kunsill flimkien mal-awtoritajiet ikkonċernati jinsab post alternattiv u aktar adekwat minn dak li applika l-istess kunsill ghalih fis-snin preċedenti .

Id-direzzjoni tal-kunsill ġdid f'din il-legislatura hija li l-kunsill jmbotta l-idea biex imxi għal-post ġdid u mhux jiġi estiż. Din hija deċiżjoni unanima bejn il-kunsilliera ta' din il-leġislatura.

8.3 B Korrespondenza :

B1 Is-Seg Eżek flimkien mas-Sindku spjegat illi l-istaff ser ikun qiegħed jattendi għal sezzjoni ta' informazzjoni fuq 'data protection' u 'gdpr' barra mill-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill. L-uffiċini ser ikunu magħluqa safrattant. Ser tkun qed titella' nota fuq il-paġna uffiċjali ta' facebook tal-Kunsill kif ukoll titweħħel nota mal-bieb għal informazzjoni tar-residenti. Is-Seg Eżek qalet illi hi ser tkun qed twieġeb it-telefonati bħas-soltu waqt din is-sezzjoni biex b'hekk tnaqqas l-inkonvenjent lejn ir-residenti.

B2 Is-Seg Eżek flimkien mas-Sindku spjegat sitwazzjoni li ġrat aktar kmieni dan ix-xahar bejn il-cleaner tal-kunsill imħaddna bl-iskema ta' cwsf u s-Seg Eżek fejn intqal diskors mhux xiereq fil-komfront tas-Seg Eżek li dan wassal l-istess Seg tirraporta l-każ għand id-direttura ta' din il-persuna.

Is-Seg Eżek illi hi tinsab ferm iddispjaċuta b'din is-sitwazzjoni u li hi kellha xieda ta' dak li ġara. Din ma kinitx l-ewwel darba illi s-Seg infurmat il-kunsill b'ċertu sitwazzjonijiet ta' din l-istess persuna fil-verita'.

Is-Seg Eżek ikkonfermat li ser tkun qed iġġib kwotazzjonijiet għal tindif tal-uffiċini tal-Kunsill dan wara li din il-cleaner iddeċidiet li ma tirrapurtax aktar għax-xogħol mill-għada li ġara l-każ imsemmi hawn fuq. Safrattant ser tkun qed tinġieb 'cleaner' temporanja illi kienet diġa' taħdem mall-Kunsill Lokali fis-snin preċedenti.

Il-punt ta' hawn fuq ġie unanimament ikkonfermat mill-kunsill kollhu .

B3 Is-Sur Sindku spjega illi kienu qed isiru xi xogħolijiet ta' manutenzzjoni fil-pjazetta taż-żgħira li tinsab qabel tidħol lejn Triq is-Salvatur dan wara talba formali li saritlu mill-assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara qabel ma jitwaħħal monument li kienu din l-istess assoċjazzjoni li ħaddmu u stinkaw għalih. Is-Sur Sindku qal illi peress li dan ix-xogħol ma kienx qatt budgeted huwa talab l-għajnuna tal-Ministru tat-turiżmu fejn mal-ewwel laqaw it-talba tiegħu u bagħtuwlu guy ta' nies biex jagħmlu x-xogħol huma bla ebda ħlas. Il-Kunsill qiegħed joħroġ biss l-ispejjeż tal-materjal li qed jintuża fuq din l-istess pjazza li ser tiġi inawgurata iktar tard f'Settemrbu 2019.

B4 Is-Sur Sindku informa l-kunsill dwar inċident li ġara aktar kmieni f'dan ix-xahar fejn vettura baqgħet dieħla ġo ħajt faċċata tal-Bajja ta' Rinella fejn saħansitra s-sid ta' ħanut partikolari fiż-żona kellem lis-Sindku li din hija sitwazzjoni li jiltaqgħu magħha ta' spiss peress illi qed ikun hemm sewqan eċċessiv fiż-żona li kulħadd jaf bih speċjalment filgħaxija. Is-Sindku qal ukoll illi huwa qiegħed f'diskussjonijiet kontinwi mal-awtoritajiet ikkonċernati biex dan il-ħajt jerġa' jinbena mill-aktar fiss possibli minkejja ħafna burokrazijiet li għandu kull dipartiment biex dan iseħħ.

Il-kunsilliera Maria Sultana saħħqet illi fiż-żona hemm bżonn il-cameras filwaqt li s-

Sindku qal illi li kien għan-nies indawwru l-Kalkara kollha bil-cameras u li din m'għandix tkun is-soluzzjoni meta wieħed jiġi daru mal-ħajt imma għandha tiġi diskussa man-nies awtorizzati biex b'hekk wieħed jara x'inhi l-aħjar oppzjoni biex tiżdied is-sigurta' fil-lokal apparti t-tweħħil ta' cameras fil-verita'.

Il-kunsilliera Speranza Chircop saħħqet illi tajjeb li l-Pulizija jagħtu l-input tagħhom fejn jidħol sigurta' tal-lokal u s-Sur Vince Bongailas qabel perfettament ma' dan l-argument.

Il-kunsill qabel illi fiż-żona fejn twaqqa l-ħajt b'dan l-inċident wieħed jista' jagħmel 'u bars' bħala sigurta' anka wara li l-istess sid issuġġerihom hu stess.

B5 Is-Seg Eżek preżentat kopja ta' permess li inħareġ aktar kmieni din is-sena biex jitpoġġa 'tower crane' minn kumpanija ta' bini fi Triq il-Missjoni Taljana. Din l-istess kumpanija qed titlob refund il-Kunsill dan wara li t-'tower crane' ma tpoġġiex minn naħa tagħhom. Il-Kunsill talab lis-Seg Eżek tiċċekja ftit mal-avukat jew ma' kunsilli oħra li ġieli iltaqgħu ma' każi bħal dan il-għaliex kienu xettiċi x'wieħed għandu jagħmel fuq dan ir-rigward.

B6 Is-Sur Sindku ikkonferma mall-kunsill illi kien hu li enfazissa u kkordina li tittella' l-bandiera fuq il-Mina tal-Kalkara fiż-żmien tal-festa, dan wara ħafna snin minħabba kwistjonijiet li kien hemm bejn il-Kunsill tal-Birgu li hu qiegħed jgħid li l-mina hija propjeta tiegħu. Dan m'hu veru xejn kollox huwa miktub u kkonfermat fil-liġi tal-kunsilli f'kapitlu 363 fejn dan id-dokument juri biċ-ċar il-konfini ta' bejn il-Birgu u l-Kalkara.

Il-bandiera ttellat bla ebda pika mall-Kunsill Lokali Birgu wisq inqas b'pika mas-Sindku preżenti ta' dan il-lokal li kien hu stess li bagħat email indirizzata lis-Sindku tal-Kalkara li jrid jiddiskuti din il-kwistjoni wara l-festa ta' San Ġużepp għaliex huwa baqa' jisħaq li din il-bandiera ma kelliex tittella mingħajr il-permess tiegħu.

Is-Sindku baqa' jisħaq illi l-mina hi kollha kemm hi tal-Kalkara u ta' ħadd iktar.

B7 Is-Sindku saħaq illi hemm bżonn illi jsir il-pjan ta' ħidma mill-aktar fiss possibli hekk kif titlob il-liġi bil-għajnuna u l-input ta kull membru tal-kunsill. Is-Seg Eżek żiedet tgħid illi kif dan id-dokument ikun iffinalizzat u maqbul trid tisejjaħ laqgħa pubblika biex jiġi ppreżentat lin-nies tal-lokal li jkunu interessati li jattendu għal din l-istess laqgħa. Dan għandu jsir sa mhux aktar minn 3 xhur wara l-ħatra ta' din il-leġislatura.

B8 Is-Sur Sindku ppreżenta rikjesta mingħand persuna li qed titlob gwida mill-kunsill fuq regolazzjoni ta' containers permanenti fit-triq.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dan l-individwu għandu jqabbad perit kif suppost biex jiġi ggwidat għaliex il-kunsill m'huwiex l-awtorita' t-tajba biex dan jirregolarizza ruħu,

fl-istess ħin l-istess kunsill qabel illi għandha tisejjaħ laqgħa ma' din l-istess persuna biex b'hekk ikunu involuti l-Kunsill f'dak li għandu f'moħħu jagħmel dan il-persuna peress li s-sit jaqa' wkoll taħt ir-resonsabbilta' tal-Kunsill iktar u iktar meta l-istess sit ser ikun involut fir-riġenerazzjoni tal-progett tax-Xatt.

8.3 C Skips :

Is-Sur Sindku saħaq jgħid illi s-sitwazzjoni tal-iskips ġewwa l-lokal hija waħda inaċċetabbli u tal-biki meta tgħaddi x'ħin tgħaddi tara rebus fejn l-iskips ta' boroż imħalltin kif ukoll skart goff mormi bl-adoċċ. Huwa saħaq illi din is-sitwazzjoni m'għadiex aċċetabbli u li trid tittieħed deċiżjoni unanima b'reponsabbilta' biex b'hekk ikollna lokal aktar nadif u viżibilment ħafna aħjar. Is-Sur Sindku qal illi tkun xi tkun id-deċiżjoni l-Kunsill mhux ser jidher tajjeb ma' kulħadd bħal kwalunkwe deċiżjoni oħra pero' dan ma jimpurtax, kulħadd għandu jifhem illi deċiżjoni tittieħed għal aħjar tal-loKal u mhux għal benefiċċju u biex ikun moqdi biss resident li mhux qed jagħmel użu tajjeb mis-servizz ta' ġbir tal-iskart li l-Kunsill stess joffri.

Is-Sur Sindku ssuġerixxa tlett għażliet li wara li ma ntleħħaqx ftehim unanimu waqt din is-seduta bejn il-kunsilliera, huwa saħaq illi din il-materja għandha terġa' tiġi diskussa fis-seduti futuri biex sa fl-aħħar il-kunsill jieħu l-aħjar deċiżjoni possibli għal ġid tal-lokal:

- Jitneħħew kompletament l-iskips
- Rilokazzjonijiet tal-iskips
- CCTVS ma' xi wħud mill-iskips.

Is-Seg Eżek żiedet tgħid illi tkun xi tkun id-deċiżjoni tal-Kunsill għandha tiġi diskussa mall-kuntrattur li ħa t-tender il-ġdid maħruġ mill-istess Kunsill fil-jiem preċedenti u li issa inħareġ ukoll bl-inklużjoni tal-iskips ħabba raġunijiet ovvji.

8.3 D Devoluzzjoni – dan is-suġett diġa' ġie diskuss aktar kmieni f'din is-seduta

8.3 E Is-Sur Sindku informa l-kunsill illi minn issa l'hemm kull attivita' għandha tiġi mħabbra minn kull kunsillier / a u li wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn attivita' imtella' minn kunsillier f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara jew attivita' imtella' minn kunsillier f'ismu personali.

Is-Sindku saħaq illi hu ma tamillux differenza t-tip ta' attivita' organizzata u ser iħalli l-għażla f'idejn l-individwu pero' l-attivita' imtella' f'isem il-kunsill għandha tkun waħda professjonali , dokumentata b'kollox inkluż dħul u ħruġ ta' fejn jidħlu flus, bi flyer professjonali u mhux tan-naqra. Dan qed ikun qed isir biex b'hekk il-paġna uffiċjali ta' fb tkun waħda aktar b'dehra professjonali u titjieb fl-informazzjoni li tkun qed tagħti.

Is-Sur Sindku ser ikun qed jibgħat email lil kull kunsillier fuq dan il-punt biex b'hekk kull kunsillier ikun jista' jtih il-kummenti tiegħu fejn jidħlu attivitajiet li jaqaw taħt id-dekasteri tagħhom rispettivi u kif ser ikunu qed jittellaw attivitajiet. Is-Sur Sindku jrid li jkun hemm tfassil ċar ta' strateġja kif suppost u skond kif tgħid il-liġi.

8.3 F Is-Sur Sindku flimkien mal-Viċi s-Sur Vince Bongailas, infurmaw il-kunsill illi kien wasal iż-żmien li tittieħed deċiżjoni rigward il-permessi 'no objections' li qed jinħarġu mill-Kunsill fil-preżent biex jitellaw id-dgħajjes fuq l-art f'parkeġġi ta' karozzi n-naħa ta' l-ex Bruno Stores. Is-Sindku saħaq illi din hija kwistjoni oħra li l-Kunsill għandu jerfa' responsabbilta' illi ma jibqax joħroġ permessi bħal dawn li wara kollox huma illegali. Huwa saħaq ukoll illi kellu diskussjoni mas-Seg Eżek qabel din is-seduta fejn spjegatlu x'sar f'dawn l-aħħar snin u li hi dejjem infurmat il-Kunsil illi dak li qed isir m'huwiex tajjeb minħabba raġunijiet ta' liġi. Is-Sindku qal li din hija sitwazzjoni oħra li taqta' minn żewġ naħat li sab ma' wiċċu fil-bidu tal-leġislazzjoni li hu saħaq kap tagħha. Huwa żied jgħid illi l-ħażin ma tistax tgħidlu tajjeb u s-support tal-Kunsill kollhu huwa ferm apprezzat.

Il-maġġoranza tal-Kunsill qabel illi m'għandomx jingħataw iktar permessi jew 'no objections' biex jitellaw id-dgħajjes fuq l-art minħabba raġunijeit ovvji u għandha tintbgħat ittra lil kull min għandu d-dgħajsa f'dan is-sit biex jiġi infurmat b'dan mill-aktar fiss possibli biex b'hekk jingħata ċ-ċans isib post alternattiv fejn itella' d-dgħajsa tiegħu, filwaqt illi il-kunsilliera Speranza Chircop astjeniet fuq dan ir-rigward

8.4 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri :**

8.4 A Il-Viċi Sindku- Is-Sur Vincent Bongailas

1 Is-Sur Vince Bongailas informa lill-Kunsill li hu xtaq jagħmel 'meeting' mal-amminisrazzjoni ta' Smart City bħala introduzzjoni tiegħu nnifsu u tal-Kunsill il-ġdid dan wara li ingħata dekasteru li jinkludi l-akkwata ta' Smart City u Santu Rokku biex b'hekk tinbena relazzjoni tajba ma' amministrazzjoni ġdida fi ħdan l-istess Kunsill.

Is-Sur Sindku qal illi ser ikun qed jistieden hu stess lis-Sur Bongailas jattendi 'meeting' fil-ġranet li ġejjin li huwa stess bħala Sindku għandu mal-amministrazzjoni l-ġdida ma' Smart City biex ikompli jsostni l-punt imqajjem hawn fuq minnu stess.

2. Is-Sur Bongailas wera xewqa tiegħu mall-Kunsill li jsir parkeġġ fl-akkwata magħrufa bħala l-Married Quarters quddiem il-binjiet tal-gvern li hemm fi żona ta' Santu Rokku,

dan wara talba mingħand xi residenti li joqgħdu f'dawn il-binjiet.

Is-Sur Sindku flimkien mal-Kunsill, qabel li din ir-rikjesta għandha tiġi nnutata pero' tajjeb li wieħed iżid u jfihem jgħid illi din l-istess żona bħalissa qed tiġi meqjusa minn awtoritajiet differenti dan anka wara l-pressjoni li qed issir biex jiċċaqlaq l-'oil tank cleaning' mill-area ħabba raġunijiet ovvji. Fl-istess ħin iż-żona ser tkun qed tiffirma parti minn katina ta' proġetti skedati li jsiru fis-snin li gejjin inkluż it-tkabbir tal-bajja ta' Rinella u l-family park maħsub. Dan kollu ser ikun qed jiġi inkluż f'master plan li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jsir fi żmien li ġej biex b'hekk ikun hemm informazzjoni konkreta ta' kull awtorita' x'beħsieba tagħmel fil-lokal tal-Kalkara fis-snin li ġejjin.

3 Dan il-punt diġa' ġie diskuss aktar qabel f'din is-seduta

8.4B Il-Kunsilliera– Is-Sinjura Maria Sultana

1 Is-Sinjura Sultana talbet l-għajnuna tal-Kunsill biex b'hekk ikunu jistgħu jinqdew is-'Sea Cadets' stazzjonati fil-lokal li ser ikollom sezzjoni ta' attivitajiet li ser jiġġeneraw żgur ammont ta' skart biex jinġabar kif ukoll xi 'wheely bins' li jista' l-Kunsill joffrilom biex jitħallew fis-sit tagħhom għal konvenjenza tagħhom sakemm dawn l-attivitajiet ikunu spiċċaw.

Is-Sur Sindku kkonferma li ser ikun qed iċempel lil xi ħadd biex jara jistax jifformixxi l-Kunsill b'xi tip ta' 'wheely bins' u l-kordinament tal-ġbir tal-iskart mis-sit ser ikun qed jiġi rranġat mis-Seg Eżek mal-kuntrattur tal-istess Kunsill.

Is-Sinjura Sultana infurmat il-Kunsill dwar żewġ attivitajiet li qed tieħu ħsieb tikkordina hi għal dawk it-tfal li qed jattendu l-iskola sajf tal-Kalkara.

Attivita' ġewwa l-ġnien fi Triq Missjoni Taljana fejn ser ikun qed jinfetaħ minn naħa tal-Ministru Joe Mizzi biex b'hekk jagħmlu picnic b'tema ħelwa lit-tfal stess ser ikunu qed jieħdu ħsieb kif ukoll ħarġa għal Esplora li hija stess qeda diġa' tirranġa mal-amminstrazzjoni ta' dan is-sit.

Is-Sinjura Sultana saħħqet illi l-kunsilliera kollha huma mistidnien li jattendu għal dawn iż-żewġ attivitajiet.

8.4C Il-Kunsilliera– Is-Sinjura Speranza Chircop

1 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsil dwar laqgħa li hija attendiet għal darb'oħra għal benefiċċju ta' residenti Kalkariżi barranin fejn hija saħħqet illi infurmat il-amministrazzjoni ta' dawn il-laqgħat illi ser ikun qed jieħu over il-kunsiller is-Sur Chris Bruno dan minhabba l-fatt illi issa dan is-suġġett jaqa' taħt ir-responsabbilta'

tiegħu hekk skond kif is-Sindku qassam id-dekasteri. Hija qalet ukoll illi tat id-dettalji tas-Sur Bruno biex b'hekk jibdew jintbgħatu emails ta' informazzjoni lilu. Hija ser tkun qed tagħti 'hand over' tal-affarijiet li saru s'issa biex b'hekk ikun hemm transizzjoni ħafifa bejn persuna u oħra.

Fuq nota oħra s-Sur Sindku saħaq illi tajjeb illi ċerti affarijiet li jkunu qiegħedin jiġru f'dan il-grupp tajjeb li wieħed ikun qed ixandar fuq il-paġna uffiċjali tal-Kunsill biex b'hekk in-nies barranin li joqgħodu fil-lokal jibdew iħossuwhom inklużi f'dak li jkun qed jagħmel il-Kunsill. Is-Sinjura Chircop talbet ukoll illi l-affarijiet li jittellaw fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill għandhom jittellaw kemm bl-Ingliż u kemm bil-Malti. Is-Sur Sindku kkonferma illi dan diġa' qed isir. Tajjeb ukoll li wieħed jieħu fil-kunsiderazzjoni tiegħu pubblikazzjonijiet ukoll li jolqtu l-dan is-suġġett meta jinħareġ xi tip ta' 'flyer' mill-Kunsill biex b'hekk tintlaħaq kull residenza f'każ illi barrani ma jagħmilx użu ta' fb, hekk kompla jgħid is-Sindku.

2 Is-Sinjura Speranza Chircop fakkret lis-Sur Bruno li issa taqa' taħt id-dekasteru tiegħu wkoll il-kwistjoni tal-vaċċinazzjoni tal-influwenza illi wasal iż-żmien li jibda jaħdem fuq il-proċess. Din il-materja trid tinħadem minn Speranza u Chris minħabba l-fatt li tolqot żewġ dekasteri li huma għandom jiġifieri saħħa u anzjani.

Is-Seg Eżek ikkonfermat illi kif bħas-soltu tirċievi l-email uffiċjali fuq din il-kwistjoni ser tkun qed tibgħata minnufih kemm lis-Sinjura Chircop kif ukoll lis-Sur Bruno.

Fuq nota oħra s-Sur Bruno saħaq illi m'għandux ikun hemm ħela u għandhom biss jiġu ordnati dawk il-vaċċinazzjonijiet li jkunu ibbukjaw għalihom ir-residenti xejn żejjed.

3 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar żewġ attivitajiet li ser tkun qed tagħmel aktar tard fix-xahar ta' Settembru:

Harġa għal Għawdex għall-Anzjani u Familja
Harġa għal irġiel

Is-Sur Sindku saħaq illi l-attivitajiet għandom ikunu trasparentissimi b'informazzjoni kompluta meta jinħareġ ir-reklam għalihom.

Is-Sur Sindku tagħha l-opzzjoni lill-Kunsilliera illi jagħmlu attivita' f'isimom personali li din m'għandha bl-ebda mod tiġi inkluża f'affarijiet tal-Kunsill lanqas il-booking għalija pero' meta wieħed ser jagħmel attivita' f'isem il-Kunsill l-affarijiet iridu jidhru fuq il-

mejda tal-istess Kunsill. Iġifieri l-'flyer' li jinħareġ irid ikun wieħed professjonali li jinkludi l-prezz tal-istess attivita' u kull dettal ieħor biex wieħed ikun qed jidher trasparenti man-nies tal-lokal kif ukoll jinħareġ kollox b'mod professjonali.

Wara dan kollu dak il-kunsillier li jkun organizza attivita' jrid iġib rendikont ta' kollox quddiem il-kunsill waqt seduta formali biex b'hekk jiġi ddokumentat kollox.

Is-Sindku staqsa ukoll il-kunsilliera jekk hux ser iżommu l-istess nies li kellhom f'leġislatura preċedenti bħala sotto kumitat tagħhom.

Il-kunsill ser ikun qed jagħti risposta dwar il-punt imsemmi hawn fuq fis-seduta li jmiss.

8.4 D Il-Kunsillier – Is-Sur Christopher Bruno

1 Dan il-punt diġa' ġie diskuss aktar kmieni f'din is-seduta

2Is-Sur Bruno qal illi huwa kellu laqgħa informali ma' nies li jaħdmu fi ħdan l-anzjani u tkellem dwar transport alternattiv li jista' jinġieb fil-lokal bħala għajnuna lill-anzjani biex jiġu mwasslu jagħmlu l-qadjiet tagħhom fil-lokal tal-Kalkara stess.

Is-Sur Sindku saħaq illi dan is-suġġett jaqa' taħt is-Sinjura Chircop fejn hi kienet diġa' bdiet taħdem fuq is-sistema ta' 'tuk tuk' fil-lokal. Infatti hija stess ikkonfermat illi diġa' hemm korrespondenza mibgħuta lill-awtoritajiet ikkonċernati u ser tkompli taħdem bi sħiħ biex finalment jinġieb dan is-servizz dejjem jekk ikun hemm lok għalih.

Is-Sur Bruno tkellem ukoll dwar Sistema ta' 'hw helpdesk' għal benefiċċju tal-istudenti tal-lokal li huwa kien ukoll tkellem ma' xi nies li jaħdmu fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni li wrew ix-xewqa li jgħinu l-Kunsill Lokali tal-Kalkara b'dan is-servizz. Dan jinkludi linja tat-telefon ovjament b'ħinijiet skedati u maqbulin magħhom biex wieħed ikun jista' jċempel għal għajnuna fuq hw li forsi ikollom it-tfal.

Is-Sindku talab lis-Sur Bruno iġib kuntatt ta' persuna responsabbli biex b'hekk jinġiebu aktar dettalji fuq dan is-servizz. Fil-verita' s-servizz jista' jingħata minn kwalunkwe post u m'għandux għalfejn jintuża uffiċju tal-Kunsill biex b'hekk ma jkunx qed jinħoloq inkonvenjent fuq min ser jiftaħ l-uffiċju u jitnaqqsu ukoll l-ispejjeż tal-overtime li kieku jridu jiġu mħallsa minħabba l-fatt illi dan is-servizz ser ikun qed jingħata permezz ta' telefonata.

Is-Sur Bruno qal ukoll illi l-istess nies li kellmuh fuq dan is-servizz kellmuh ukoll dwar sezzjonijiet ta' eżerċizzju fiżiku li jistgħu jiġu organizzati fil-lokal għal anzjani

3 Is-Sur Bruno staqsa jekk in-naħa ta' Santa Liberata / progress hemmx lok li tittranġa biċċa fetħa li hemm b'xi tip ta' bankijiet biex wieħed ikollu fejn joqgħod għal kwiet.

Is-Seg Eżek ikkonfermat illi l-akkwata li qed jindika hu hija żona privata infatti meta l-awtorita' tal-infrastruttura ġiet biex tagħti t-tarmac fl-art dik il-biċċa partikolari tħalliet barra minħabba illi s-sid ma riedx li tintmesslu bl-asphalt stess.

8.5 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 7.19 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

8.6 **Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm

8.7 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar il-Erbgha 18 ta' Settembru 2019 fil 4:00 p.m. u spiċċat fis-7:00pm ta' filgħaxija.

Is- Sindku
Wayne Aquilina

Is-Seg.Ezek.
Duncan Hall

Seduta 8.19

Din il-laqgħa ġiet interrotta bil-kunsens tal-Kunsill u hekk kif diġa' kienu infurmati l-kunsilliera b'email formali mis-Sur Adrian Mifsud il-persuna li ħa ħsieb il-proċess ta' tendering kollhu hekk kif kien maqbul f'seduti preċedenti u kif diġa' kienet spjegat tajjeb is-Seg Eżek

Is-Sur Mifsud flimkien mal-'board members' l-oħra kkonkludew l-ewwel fażi ta' evalwazzjoni biex b'hekk ikun jista' jitkompla l-proċess biex jinħatru l-kuntratturi kif inhu xieraq u hekk kif ġew mirbuħa t-tenders imsemmijin hawn taħt:

Bulky refuse

Roads markings and traffic signs

Parks and gardens

Street sweeping

Urban greening

Waste collection

Is-Sur Mifsud spjega l-proċess fid-dettall kif ukoll wera rapport formali li hu flimkien mal-'board members' ghaqqad biex wieħed ikun jista' jieħu d-deċiżjoni t-tajba speċjalment meta jkun hemm aktar minn persuna waħda compliant li ttenderjat għal istess tender biex b'hekk ikun żgur li d - deċiżjoni hija waħda transparentissima hekk kif inhu suppost.

Is-Sur Mifsud qal ukoll illi l-ismijiet ma jistawx jixxandru waqt din il-laqgħa minħabba l-fatt illi hija live streamed u l-individwi li ttenderjaw għadhom mhux mgħarrfin formalment li ttieħdu jew ma ttieħdux it-tenders li applikaw għalijom u jekk jixxandru l-ismijiet qabel wieħed ikollu dritt jappella fuq din il-materja.

L-istess Sur Mifsud tagħha spjegazzjoi dettaljata ta' x'kien hemm u ma kienx hemm f'kull evalwazzjoni u kemm isubbmitjaw nies l-interess u kif il-board qabel fid-deċiżjonijiet biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jagħti l-konferma tiegħu. Huwa saħaq ukol illi f'ċerti tenders kellha tintuża wkoll 'scoring system' jew 'BBQR' biex b'hekk l-affarijiet ikunu ingħataw kif suppost u skond il-liġi.

Il-Kunsill kellu ċ-ċans isaqsi dak kollhu li xtaq is-Sur Mifsud biex b'hekk jingħataw spjegazzjonijiet tekniċi fuq kull tender u ħadd ma jkollu dubju qabel tittieħed id-deċiżjoni finali mill-kunsill.

Il-Kunsill ikkonferma s-suġġerimenti tal-board billi ta n-no objection tiegħu biex jitkompla l-proċess tat-tendering abbażi tar-rapport murija waqt din is-seduta biex finalment ikollna l-kuntratturi l-ġodda up and running mill-aktar fiss possibli.

Il-Kunsil qabel unanimament ma' dak kollu li intqal mis-Sur Mifsud u rringrazzjawh formalment tax-xogħol siewi li għamel flimkien mal-membri tal-board l-oħra.